# Il-Ħadd 13.12.2020

1. It-Tlieta 15/12: **Tibda n-Novena tal-Milied**:-
   - Fis-6:00pm – Rużarju;
   - Fis-6:15pm – Il-Ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali;
   - Fis-6:30pm – Quddiesa bit-talb tas-Salmi tal-Liturġija tas-Siegħat.
   - Infakkar li tul il-jiem tan-Novena għandna qfief fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti. Tajjeb li ma noqgħodux lura milli nuru ġenerożità mal-proxxmu tagħna f'dan iż-żminijiet diffiċċli għal kulħadd.
   - Fuq livell ta' djoċesi, bħala għajnuna fin-Novena tistgħu ssegwu filmati qosra li ser jittellgħu fuq il-media. Tajjeb li matul dawn il-jiem mhux biss naraw li nkunu armajna l-Presepju u l-Bambin imma wkoll li ngħixu mumenti ta' talb flimkien bħala familja permezz tagħhom.

2. Il-Ħadd 20/12, **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Fid-9:00am – Quddiesa li fiha jsir it-tberik tal-Bambini u l-Presepji.
     Inħeġġu lit-tfal jiġu għal din il-quddiesa.

3. Avviżi oħra:
   - Din is-sena, minħabba l-pandemija, l-ikla tal-Milied organizzata mill-Caritas mhijiex ser issir bħas-soltu fil-kurja, imma xorta ser joffru u jwasslu ikla misjura għal min ma jistax isajjar u m'għandux min isajjarlu. Jekk tafu b'min qiegħed f'din is-sitwazzjoni nitolbukom tgħaddu mill-aktar fis id-dettalji lill-Kappillan jew lil Grace Vassallo tal-Kummissjoni Djakonija.
   - Infakkar li sal-Ġimgħa 18/12 ser inkunu għadna qed niġbru l-uniformijiet li jkunu f'kundizzjoni tajba, u li m'għadhomx jintużaw, ħalli jintbagħtu għall-iskejjel tal-Kenya immexxija mill-organizzazzjoni *'Kare for Kenya' Malta*. Aktar dettalji mingħand il-Kappillan jew is-Sinjura Abigail Zammit.
   - Il-Każin 'San Pawl' javża li, bħalma għamel dan l-aħħar snin, ser jagħti donazzjoni lid-Dar tal-Providenza bħala ġest ta' solidarjetà minflok jibgħat kartolini bl-awguri għal dawn iż-żminijiet ta' festi.
   - Fadlilna xi ponsjetti għall-bejgħ. Min hu mħajjar jidħol fis-sagristija.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 130 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 200 mill-Lotterija;
   - € 90 bħala donazzjonijiet b'risq l-istess għan.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief
     fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.